KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-14 ta' April 2008

dwar miżuri ta' ħarsien interim li għandhom x'jaqsmu mad-Deni Klassiku tal-Majjali fis-Slovakkja

(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 1525)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2008/303/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar l-iċċekkjar veterinarju u żootekniku applikabbli għall-kummerċ intrakomunitarju ta' ċerti annimali ħajjin u prodotti bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 10(3) tagħha,

Billi:

(1) Fis-Slovakkja kien hemm tifqigħa tad-Deni Klassiku tal-Majjali.

(2) Fid-dawl tal-kummerċ ta' majjali ħajjin u ċerti prodotti tal-majjal, din it-tifqigħa tista' tkun ta' periklu għall-merħliet ta' Stati Membri oħrajn.

(3) Is-Slovakkja ħadet miżuri fi ħdan il-qafas tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/89/KE dwar il-miżuri tal-Komunità għall-kontroll tad-Deni Klassiku tal-Majjali [2].

(4) Il-kundizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimal u r-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni għal kummerċ ta' majjali ħajjin huma stipulati fid-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE tas-26 ta' Ġunju 1964 dwar il-problemi tas-saħħa ta' l-annimali li jaffettwaw il-kummerċ ta' annimali bovini u tal-majjali ġewwa l-Komunità [3].

(5) Il-kundizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimal u r-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni għall-kummerċ ta' semen tal-porċini huma stipulati fid-Direttiva tal-Kunsill 90/429/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa tal-bhejjem applikabbli għal kummerċ intrakomunitarju u għal importazzjonijiet ta' semen ta' bhejjem domestiċi ta' l-ispeċi tal-majjali [4].

(6) Il-kundizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimal u r-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni għall-kummerċ ta' ova u embrijuni tal-porċini huma stipulati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/483/KE tad-9 ta' Novembru 1995 li tistabbilixxi l-kampjuni taċ-ċertifikat għall-kummerċ intrakomunitarju fl-ova u l-embrijuni tal-majjal [5].

(7) Fl-istennija tal-laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali, u f'kollaborazzjoni ma' l-Istat Membru kkonċernat, huwa xieraq li jiġu adottati miżuri ta' ħarsien interim.

(8) Din id-Deċiżjoni għandha tiġi riveduta mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Mingħajr preġudizzju għall-miżuri tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/89/KE, u b'mod partikolari l-Artikoli 9, 10 u 11 tagħha, is-Slovakkja għandha tiżgura li:

(a) ma jiġux trasportati majjali minn u lejn irziezet tal-majjali li jinsabu fiż-żoni deskritti fl-Anness;

[1] ĠU L 224, 18.8.1990, p. 29. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2002/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 315, 19.11.2002, p. 14).

[2] ĠU L 316, 1.12.2001, p. 5. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni 2007/729/KE (ĠU L 294, 13.11.2007, p. 26).

[3] ĠU 121, 29.7.1964, p. 1977/64. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni 2007/729/KE (ĠU L 294, 13.11.2007, p. 26).

[4] ĠU L 224, 18.8.1990, p. 62. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 806/2003 (ĠU L 122, 16.5.2003, p. 1).

[5] ĠU L 275, 18.11.1995, p. 30.

(b) it-trasport ta' majjali għal proċediment ta' qatla minn irziezet li jinsabu barra ż-żoni deskritti fl-Anness għal biċċeriji li jinsabu fiż-żoni msemmija u tranżitu ta' majjali miż-żoni msemmija għandu jiġi permess biss permezz ta' triqat prinċipali jew ferroviji u skond l-istruzzjonijiet dettaljati previsti mill-awtoritajiet kompetenti sabiex ikun evitat li matul it-trasport, il-majjali kkonċernati jiġu f'kuntatt dirett jew indirett ma' majjali oħrajn.

2. B'deroga mill-paragrafu 1 (a) l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw it-trasport ta' majjali direttament lejn biċċerija li tinsab fiż-żona deskritta fl-Anness, jew f'każijiet eċċezzjonali f'biċċeriji magħżula barra dik iż-żona fis-Slovakkja, għal qtil immedjat.

Artikolu 2

1. Is-Slovakkja għandha tiżgura li l-ebda majjali, għajr għal majjali mibgħuta għal qtil immedjat direttament lejn il-biċċerija, ma jintbagħtu lejn Stati Membri oħrajn u lejn pajjiżi terzi sakemm il-majjali:

(a) ma jiġux minn razzett li jinsab f'żona barra ż-żoni deskritti fl-Anness, u

(b) kienu qed jinżammu fir-razzett ta' oriġini għal mill-anqas 30 jum qabel ma ngħabbew, jew mit-twelid jekk għandhom anqas minn 30 jum, u

(ċ) ġejjin minn razzett fejn ma ġew introdotti l-ebda majjali ħajjin matul il-perjodu ta' 30 jum immedjatament qabel il-konsenja tal-majjali kkonċernati.

2. L-awtorità veterinarja kompetenti tas-Slovakkja għandha tiżgura li n-notifika tal-konsenja tal-majjali lil Stati Membri oħrajn hija kkomunikata lill-awtoritajiet veterinarji ċentrali u lokali ta' l-Istat Membru destinatarju u kull Stat Membru ta' tranżitu mill-anqas tlett ijiem qabel il-konsenja.

Artikolu 3

1. Is-Slovakkja għandha tiżgura li l-ebda konsenja ta' semen tal-porċini ma tintbagħat lejn Stati Membri oħrajn u lejn pajjiżi terzi sakemm is-semen ma joriġinax minn ħlieleġ miżmuma f'ċentru ta' ġbir msemmi fl-Artikolu 3 (a) tad-Direttiva tal-Kunsill 90/429/KEE u li jinsab barra ż-żoni deskritti fl-Anness.

2. Is-Slovakkja għandha tiżgura li l-ebda konsenja ta' ova u embrijuni ta' majjali ma tintbagħat lejn Stati Membri oħrajn u lejn pajjiżi terzi sakemm l-ova u l-embrijuni ma joriġinawx minn majjali miżmuma f'razzett li jinsab barra ż-żoni deskritti fl-Anness.

Artikolu 4

Is-Slovakkja għandha tiżgura li:

(a) iċ-ċertifikat tas-saħħa previst fid-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE li jakkompanja l-majjali mibgħuta mis-Slovakkja jrid jimtela b'dan li ġej:

"Annimali skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/303/KE ta' l-14 ta' April 2008 fir-rigward ta' miżuri ta' ħarsien interim fir-rigward tad-Deni Klassiku tal-Majjali fis-Slovakkja"

(b) iċ-ċertifikat tas-saħħa previst fid-Direttiva tal-Kunsill 90/429/KEE li jakkompanja semen ta' ħlieleġ mibgħuta mis-Slovakkja jrid jimtela b'dan li ġej:

"Semen skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/303/KE ta' l-14 ta' April 2008 fir-rigward ta' miżuri ta' ħarsien interim fir-rigward tad-Deni Klassiku tal-Majjali fis-Slovakkja"

(ċ) iċ-ċertifikat tas-saħħa previst fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/483/KE li jakkompanja ova u embrijuni ta' majjali mibgħuta mis-Slovakkja jrid jimtela b'dan li ġej:

"Ova / Embrijuni *(ħassar kif xieraq)* skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/303/KE ta' l-14 ta' April 2008 fir-rigward ta' miżuri ta' ħarsien interim fir-rigward tad-Deni Klassiku tal-Majjali fis-Slovakkja"

Artikolu 5

Is-Slovakkja għandha tiżgura li vetturi li ntużaw għat-trasport tal-majjali jew li daħlu f'razzett fejn jinżammu l-majjali jitnaddfu u jiġu diżinfettati wara kull operazzjoni u x-xufier għandu jipprovdi l-prova ta' din id-diżinfezzjoni lill-awtorità veterinarja kompetenti.

Artikolu 6

L-Istati Membri għandhom jemendaw il-miżuri li japplikaw għall-kummerċ sabiex iġibuhom f'konformità ma' din id-Deċiżjoni u għandhom jagħmlu reklamar xieraq immedjat dwar il-miżuri adottati. Dawn għandhom minnufih jgħarrfu lill-Kummissjoni dwar dan.

Artikolu 7

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 14 ta' April 2008.

Għall-Kummissjoni
Androulla VASSILIOU
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

It-territorju kollu tas-Slovakkja.